MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 595/2013

**Avukat Dottor Jonathan Abela Fiorentino B.A., LL.D.,
bhala mandatarju specjali ta' LOTTO SPORT ITALIA S.P.A.,
socjeta' estera nkorporata taht il-ligijiet tal-Italja u b'indirizz
ta' Via Montebelluna, 5/7, I-31040 Trevignano (Treviso), l-Italja**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Quentin Tanti
gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil
OFFSHORE INTERNATIONAL DEVELOPMENT LIMITED,
entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "RM 907 WO 001
WING TUCK COMM CTR, 177-183 WING LOK ST HK CHINA"
b'digriet tad-29 ta' Awwissu 2013, u**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Gerald Bonello**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lil**
**BANQUE AL BARAKA D'ALGERIE, entita'**
**estera b'indirizz mhux indikat**
**b'digriet tal-24 ta' Lulju 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-20 ta' Gunju 2013 li jghid hekk:
1. illi s-socjeta attrici, maghrufa sew in konnessjoni ma' prodotti ta' ilbies sportif maghrufin bhala "lotto", hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju;

2. illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-trademarks taghha "lotto" u ohrajn relatati, irregistrati (fost ohrajn) dwar prodotti ta' ilbies sportif inkluzi tracksuits;

3. illi fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati bhala trademarks, it-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri ta' registrazzjoni 002109312 - "lotto" [figurattiva, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], 002109684 [rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, ukoll b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004)], u 006952253 [rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, b'effett mit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008)], u dawn kollha dwar prodotti li jinkludu tracksuits fost ohrajn;

4. illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati f'Malta t-trademarks "LOTTO" (wordmark), numru 17769, b'effett mid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) u rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, numru 17770, b'effett mid-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987), u dawn dwar prodotti li jinkludu tracksuits fost ohrajn;

5. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414, b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz (fost ohrajn);

6. illi recenternent, il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-container FCIU 8777656 kontenenti inter alia kwantita ta' artikli ta' ilbies sporti f'(tracksuits) gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv, li ghandhom fuqhom trademarks "lotto" u rapprezentazzjonijiet figurattivi partikolari bhal dawk tat-trademarks figurattivi registrati f'isem is-socjeta attrici kif hawn qabel indikat, liema oggetti kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura doganali ta' trasbord (transhipment), mibghuta mill-ewwel konvenuta OFFSHORE INTERNATIONAL DEVELOPMENT LIMITED w in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur it-tieni konvenuta BANQUE AL BARAKA D'ALGERIE. Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar dawn is-sejbiet f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

7. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba in kwestjoni fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ai termini tal-procedura li wasslet ghal din l-azzjoni civili gudizzjarja u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll kampjuni tal-istess, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat DRAFT BILL OF LADING fejn, fil-kaxxa relattiva ghax-shipper / parti li qed tibghat hemm indikata OFFSHORE INTERNATIONAL DEVELOPMENT LIMITED, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' RM 907 WO 001 WING TUCK COMM CTR, 177-183 WING LOK ST HK CHINA, filwaqt li bhala consignee / importatrici hemm indikat TO THE ORDER

OF BANQUE AL BARAKA D'ALGERIE, entita estera b'indirizz mhux indikat, u bhala parti tan-notifika hemm indikata EURL IMAD STAR IMPORT EXPORT, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' LOT N4 LOTISSEMENT 616 LOTS GROUPE, 15 AIN OULMANE SETIF ALGERIA;

8. illi effettivament, l-oggetti Ikoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox twenty seven cartons by 30 suits each: 810 units, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi inter alia fejn kemm fil-pajjiz minn fejn intbaghtu u kif ukoll fil-pajjiz tad-destinazzjoni hemm protezzjoni b'trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici dwar "LOTTO", "lotto" (figurattiva) u rapprezentazzjoni figurattiva partikolari, inter alia fuq prodotti konsistenti f'artikli ta' ilbies sportif (trackslIits);

9. illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sal-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

10. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant gnar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(I) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' artikli ta' ilbies sportif (tracksuits) gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv, li ghandhom fuqhom trademarks "lotto" oltre ghal rapprezentazzjonijiet figurattivi partikolari bhal dawk tat-trademarks figurattivi registrati f'isem is-socjeta attrici, u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container

FCIU 8777656 kien jikkontjeni dawk l-istess oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

(2) tordna li ll-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati rapprezentanti tas-socjeta Offshore International Development Limited tas-26 ta’ Settembru 2013 fejn ecceppew:

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta minnhom rapprezentata u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mas-socjeta intimata, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati rapprezentanti tas-socjeta Banque Al Baraka D'Algerie tat-2 ta' Ottubru 2013 li tghid hekk:
1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf aktar il-fatti.

2. Illi l-esponentii jitlob lill-attur jekk ghandu xi indirizz tal-intimat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markju "lotto", liema markju huwa wzat fuq prodotti ta' ilbies sportif inkluzi tracksuits, u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 002109312, 002109684, 006952253, u dawk f'Malta bin-numri 17769 u 17770 skond Dok. B sa F annessi mal-istess.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru FCIU 8777656 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM ENFIELD li kien diehel Malta fl-10 ta' Mejju 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' artikli ta' ilbies sportif (tracksuits) li jgibu l-marki tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti fi tmien mija u ghaxar (810) bicca hwejjeg sportivi, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mill-Affidavit datat 27 ta' Settembru 2013 (Dok. LSI4 fol. 450) maghmul minn Andrea Tomat imqabbad mis-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. LSI1 fol. 353) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u l-affidavit ta' Andrea Tomat li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (Dok. LSI1 fol. 354) datat 27 ta' Settembru 2013. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita ta' artikli ta' ilbies sportif (tracksuits) gewwa materjal tal-ippakkettjar relattiv, li ghandhom fuqhom trademarks "lotto" oltre ghal rapprezentazzjonijiet figurattivi partikolari bhal dawk tat-trademarks figurattivi registrati f'isem is-socjeta attrici u li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru FCIU 8777656 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tordna lil konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess,

tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. LSI1 fol. 354;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------